Artiklu 128, L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 27 ta' Settembru, 2002

# Semplicità u logika

*Is-socjetà (bil-provi) tkun esposta ghal aktar periklu specjalment minn traffikanti tad-droga, li lilhinn minn kull argument finanzjarju, kull gvern ghandu jahdem biex tkun "go darek bla biza'"... Jien stess niftakar meta d-djar kollha Maltin kienu jhallu c-cavetta gol-bieb ghax is-serq kien xi haga rarissima. Illum il-gurnata kulhadd sar jaqfel il-bieb ghax is-serq u l-kriminalità kibru.*

*Fl-Unjoni Ewropea gara ezattament l-oppost! Qabel kien hemm hafna kontrolli, izda iktar ma zdiedet il-problema tad-droga, iktar fethu l-bibien lil min imexxiha!*

Dan l-ahhar iltqajt ma' habib tieghi li ghamel xi zmien jghix il-Germanja. Kienet laqgha kazwali hafna, izda wahda mill-affarijiet li ddiskutejna, fost hafna affarjiet ohra li m'ghandhomx x'jaqsmu, kien id-dhul fl-unjoni Ewropea. Li impressjonatni, però, kienet is-semplicità u l-logika ta' argument ta' min digà ghex ghal ftit zmien go post miftuh bil-qbil ta' Shengen, jigifieri, fejn ma jezistux kontrolli fuq min jidhol u johrog ghax ovvjament hemm libertà assoluta tal-persuna.

Il-habib tieghi kien jghix gewwa Hamburg izda qal li hemmhekk tirrenja arja ta' insigurtà kbira. Wiehed ma jhossu xejn komdu lanqas jimxi barra t-triq billi jkun jaf li l-ebda kontrolli ma jsiru mid-dwana sabiex belt centrali bhal din tkun imharsa minn nies li dahlu ghal skopijiet illegali, specjlament minhabba droga.

Ghalhekk il-belt innifisha fiha ghadd ta' pulizija, liema fatt minnu nnifsu jista' jiffrustra lil min jghix fiha.

Il-logika f'dan  l-argument kollu hija wahda semplici hafna. Jekk ma jsirux kontrolli mal-bieb, il-kontrolli jridu jsiru 'l gewwa mill-bieb.

Dak li huwa xoghol id-dwana li tiffiltra l-iskopijiet li ghalihom persuna hija diehla fil-pajjiz qabel ma jidhol, jew inkella li tassigura li persuni li jidhlu ghal skopijiet li ghalihom persuna hija diehla fil-pajjiz qabel ma jidhol, jew inkella li tassigura li persuni li jidhlu ghal skopijiet illegali, huma x'inhuma, jibzghu jaghmlu dan minhabba li se jitwaqqfu minn impjegati tad-dwana fl-ajruport jew post iehor minn fejn jistghu jidhlu fil-pajjiz, ma jezistux.

Allura, per konsegwenza, il-pajjiz jispicca jkollu jhalli ghadd kbir ta' persuni delinkwenti jidhlu u jithalltu mas-socjetà biex imbaghad, jekk jinqala xi haga, hemm il-bicca xoghol kbira li jkunu rintraccati.

Barra minn hekk, kif digà ghedt, id-dwana sservi ta' deterrent. Jigifieri, individwu li ghandu sustanza illegali fuqu, armi jew affarijiet ohra llegali, jibza' jgorr dawn is-sustanzi ecc. fuqu ghax jaf li se jiffaccja d-dwana. Izda x'jigri jekk dak il-bniedem jaf mija fil-mija li qatt m'huwa se jitwaqqaf minn hadd, u qatt m'hija se ssirlu t-tfittxija ghal dak li jista' jkun li qieghed igorr fuqu? Bla dubju ta' xejn – anke f'postijiet fejn hemm dwana stretta hafna, bhal Malta, droga u affarijiet ohrajn xorta jidhlu u, mhux l-ewwel darba li xi hadd jinqabad jipprova jdahhalhom, ahseb u ara f'post fejn m'hemm l-ebda kontrolli ta' xejn!

L-isfortuna hija li d-dwana jrid jghaddi minnha kulhadd, anke l-hafna nies li qeghdin go post ghal skopijiet tajba. Però, fortunatament, dawk li m'ghandhom l-ebda skopijiet hziena ghax jidhlu gewwa pajjiz jew belt, daqshekk iehor m'ghandhom l-ebda biza' li jitwaqqfu mid-dwana.

Barra minn hekk, persuni li jinqabdu fl-ajruporti u postijiet ohrajn biex jidhlu gewwa pajjiz, ikunu eskluzi mis-socjetà ma' l-ewwel u jigu wahedhom f'idejn il-pulizija. Li jigri huwa li jekk tnehhi s-salvagwardji tad-dwana tiffranka ftit mill-but ghax nehhejt id-dwana, izda trid tinvesti hafna iktar fiz-zamma ta' l-ordni fil-pajjiz permezz tal-pulizija.

Hemm zewg konsegwenzi diretti tat-tnehhija tad-dwana. Is-socjetà (bil-provi) tkun esposta ghal aktar periklu specjalment minn traffikanti tad-droga, li lilhinn minn kull argument finanzjarju, kull gvern ghandu jahdem biex tkun "go darek bla biza'". Wara kollox, huwa hafna iktar facli ghall-pulizija li jzommu l-ordni gewwa l-pajjiz li jaqbdu lit-traffikant waqt li jipprova jghaddi mid-dwana, post fejn imur wahdu, milli jaqbduh meta jkun mitluf qalb is-socjetà. Jien stess niftakar meta d-djar kollha Maltin kienu jhallu c-cavetta gol-bieb ghax is-serq kien xi haga rarissima. Illum il-gurnata kulhadd sar jaqfel il-bieb ghax is-serq u l-kriminalità kibru.

Fl-Unjoni Ewropea gara ezattament l-oppost! Qabel kien hemm hafna kontrolli, izda iktar ma zdiedet il-problema tad-droga, iktar fethu l-bibien lil min imexxiha!

*Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net*